MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru. 480/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Peter Paul Buttigieg,**
**Yoseph Portelli u**
**Francis Sultana**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmija **Peter Paul Buttgieg** ta' 24 sena, bin Saviour u Lucy nee' Calleja, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar is-06 ta' Novembru, 1983 u residenti fil-fond numru 46, St Andrew

Street, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 41784(G), **Yoseph Portelli** ta' 20 sena, bin John u Carmen nee' Buttigieg, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar id-29 ta' Dicembru, 1987 u residenti fil-fond numru St. Joseph, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 5188(G) u **Francis Sultana** ta' 46 sena, bin Paul u Josephine nee' Xerri, imwieled Xaghra, nhar it-28 ta' Jannar, 1962 u residenti fil-fond numru Tal-Pajjuk, Triq il-Qacca, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 9862(G) li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Gunju 2008, bejn is-sitta (06 :00hrs) u t-tmienja (08:00) ta' filghodu gewwa plot fi Triq Federico Barocci, Qala, Gozo;

1. waqqghu jew ipprovaw iwaqqghu, qatghu jew ipprovaw jaqtghu, nehhew jew ipprovaw inehhu l-qoxra tas-sigra, qalghu jew ipprovaw jaqilghu l-gheruq, nehhew jew ipprovaw inehhu l-injam, wahhlu jew ipprovaw iwahhlu xi haga ma', jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigra jew xi partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskedi I, II, III u ta' xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-iskeda IV li jinsabu ma' A.L. 12 ta' 2001 (Regolament ta' 2001 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar), hlief ghal ragunijiet ta' maniggjar jew ta' intervent kirurgiku mwettaq mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment tal-Agrikultura jew minn persuni minnhom awtorizzati. (Regolament 6 ta' A.L. 12 ta' 2001);

2. ukoll akkuzati illi hadu parti f'azzjoni jew ipprovaw jiehdu parti f'azzjoni jew ipprovaw jiehdu parti f'azzjoni, jew agixxew b'tali mod li, fil-fehma tad-Direttur setghet tkun ta' hsara ghall-identita' biologika, jew ghal xi sigra elenkata fl-Iskedi I, II, III, jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' A.L. 12 of 2001 (Regolamenti ta' 2000 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar). (Regolament 7(4) ta' A.L. 12 of' 2001);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Fuq nuqqas ta’ provi, il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------